MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 2013

Numru. 1/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Frank Sammut)**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Jon Lawrence Formosa**

**Illum, 1 ta’ Jannar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra Jon Lawrence Formosa, ta’ 34 sena, iben Jon James u Barbara Margaret nee’ Colverson, imwieled Londra, nhar is-6 ta’ Marzu, 1978, minghajr indirizz fiss, u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 546993(M).

Akkuzat talli nhar id-29 ta' Dicembru, 2012, ghall-habta ta' 7.50pm, gewwa St.Catherine's Bakery & Confectionary fi Triq l-Oratorju, Bormla:

1. Ikkommetta serq ta' flus liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta' Sandro Vella u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita u/jew entitajiet ohra;
2. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati arresta, zamm jew issekwestra lil Jessica Zammit kontra l-volonta taghha;
3. Fil-waqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;
4. Akkuzat ukoll, talli fl-istess data u hin, kif ukoll qabel u/jew wara, gewwa Bormla, garra 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Iktar akkuzat talli nhar it-18 ta' Dicembru, 2012 f'xi hin bejn in-00.30am u s-2.20pm, fi Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa:

5. Flimkien ma persuna jew persuni ohra, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura tal-marka Kia Picanto, numru tar-registerazzjoni RUN 621, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-eflejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa, liema serq sar ghad-dannu ta' Donna Marie Axiaq u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-31 ta' Dicembru, 2012 u fil-jiem ta' qabel:

6. Naqas milli jhares xi wahda u/jew iktar, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (Magistrat

Dr.Miriam Hayman LL.D) f'April, 2007, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma kuljum fl-ghassa ta' Bormla, li jirrinkaza ruhu f'indirizz specifiku bejn it-9pm u l-10am u li ma jikkomettiex reat/i ta' natura volontarja.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikkabbli ghar-reati addebitati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat April, 2007 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Jon Lawrence Formosa. Kif ukoll li tordna li s-somma ta' tmien mitt Lira Maltin (Lm800) depozitanti that l-Awtorita tal-Qorti u elfejn Lira Maltin (Lm2,000), bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

7. Finalment akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv, ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli 49, 50, 86, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262(a)(b), 263, 267, 270, 271(g) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsdrat

Illi l-imputata ammetta l-iputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina

penali tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Ghal dawn l-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 86, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262(a)(b), 263, 267, 270, 271(g) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 6 u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija, in oltre qed tirrevoka l-helsien mill-arrest mghoti lilu permezz ta’ degriet ta’ April 2007 minn din il-Qorti kif diversjament preseduta mill-Magistrat Dr Miriam Hayman. Il-Qorti, in vista tal-fatt li l-prosekuzzjoni mhux qed tinsisti fuq it-talba ghall-konfiska tad-depozitu u l-garanzija qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-talba. In konkluzzjoni il-Qorti qed tirrikmanda lid-Direttur tal-Facililita Korrettiva ta’ Kordin biex l-imputat jinzamm it-taqsima forensika ta’l-Isptar Monte Carmeli u li jkollu kull ghajnuna kontra l-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------